**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 21 ta' Gunju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**-vs-**

**Vincenzo Costa, detentur tal-karta tal-identità numru 42097M**

***Kumpilazzjoni Nru. 167/2017***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Vincenzo Costa u ċioè talli:

1. Nhar it-13 ta' Marzu, 2017, għall-ħabta tad-9:30pm, ġewwa Charles Abela Stadium sitwa fi Triq Valletta, Mosta, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Pierre Muscat, f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, liema ħsara hija ta' natura gravi, hekk kif iċċertifika Dr Ramon Scerri, detentur ta' numru ta' reġistrazzjoni 1986 u dan bi ksur tal-Art 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Art 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fl-udjenza mizmuma illum l-imputat rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu, in-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali netta tieghu w senjatament id-dikjarazzjoni tal-parte leza li ma ghandu ebda interess li jissoktaw dawn il-proceduri u li hu kien hafer lill-imputat, liema imputat aktar kmieni seduta stante talab skuza lill-parte leza ghall-ghemilu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 214, 215, 216 u 338(dd) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**